

Kawża C-440/09

Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Nowym Sączu

vs

Stanisława Tomaszewska

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mis-Sąd Najwyższy)

“Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Artikolu 45(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Perijodu minimu meħtieġ mid-dritt nazzjonali għall-kisba ta’ dritt għal pensjoni ta’ rtirar — Teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu ta’ kontribuzzjoni mwettaq fi Stat Membru ieħor — Aggregazzjoni — Metodi ta’ kalkolu”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-3 ta’ Marzu 2011 . . . I - 1035

Sommarju tas-sentenza

*Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Assigurazzjoni għax-xjuħija u għall-mewt — Perijodi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni
(Regolament tal-Kunsill Nru 1408/71, Artikolu 45(1))*

I - 1033

L-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u aġġornata tiegħu bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 1992/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fid-determinazzjoni tal-perijodu ta' assigurazzjoni minimu meħtieġ mid-dritt nazzjonali għall-finijiet tal-kisba tad-dritt għal pensjoni ta' rtirar minn ħaddiem migrant, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiddetermina l-limitu li l-perijodi mhux kontributorji ma jistgħux jaqsbu meta mqabbla mal-perijodi

kontributorji, kif previst mil-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, il-perijodi ta' assigurazzjoni kollha mwettqa matul il-karriera professjonali tal-ħaddiem migrant, inklużi dawk imwettqa fi Stati Membri oħra.

(ara l-punt 39 u d-dispożittiv)